# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 17 ta' Jannar tas-sena 2002.**

**Numru 20**

**Avviz numru 1584/00/SM**

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Rainbow Concrete Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' mitejn u tmienja u disghin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (LM298.58,0) rapprezentanti danni minnha jew minn impjegati taghha kkagunati f'arblu tad-dawl proprjeta' tal-Korporazzjoni attrici u liema danni gew ikkagunati nhar l-1 t'Ottubru 1998 f'Qarmic Street, Birkirkara;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' April 1999, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali u bis-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma deheritx, la fil-11 ta' Dicembru tas-sena 2001 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**